MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 576/2003

**Untours Insurance Agency Ltd ghal Qatar Insurance Company bhala assikuratrici ta' Francesco Schembri, u l-istess Francesco Schembri**
**vs**

**Lorenza Curmi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fl-14 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm523.59), ghall-danni wara incident awtomobilistiku li gara fis-16 ta' Marzu, 2001 bejn il-vettura GAB-909 misjuqa minn Riccardo Schembri u l-vettura JAE-098 misjuqa mill-konvenuta li kienet unikament responsabbli ghal dan l-incident;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikuraturi tal-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Novembru, 2003, fejn intqal illi bhala responsabilita` il-konvenuta giet b'lura u laqtet kemm kemm il-bieba tax-xellug tal-vettura tal-attur. Sussegwentement wara hafna zmien dan kabbar il-pretensjoni tal-allegata hsara;**
**Hija ma kkagunatx dik il-hsara kollha minnu allegata.**

**Ra wkoll r-risposta prezentata fit-18 ta' Novembru, 2003 fejn intqal:**
**i. Illi preliminarjament tigi eccepita n-nullita` tan-notifika in vista li l-eccipjenti ggib l-isem ta' Lorenza Curmi u mhux Lorenzo Curmi;**
**ii. Illi preliminarjament ukoll tigi eccepita l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**iii. Illi preliminarjament ukoll l-konvenuta tissottometti li fiz-zmien tal-incident imsemmi hija kienet assigurata mas-socjeta` assigurattrici Micallef Insurance Agency Ltd. u ghaldaqstant titlob li l-istess socjeta` tigi kjamata fil-kawza a spejjez tal-atturi;**
**iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident;**
**v. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi sottomess li l-vettura tal-attur ma sofriet l-ebda Danni fl-incident in kwistjoni u ghaldaqstant l-ammont pretiz huwa kontestat;**
**vi. salv eccezzjonijiet ohra.**
**Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 524 Paul Cassar, Francesco Schembri, Riccardo Schembri, Mario Mifsud, Anthony MIzzi, Lorenza Curmi u Rocheteau Curmi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi l-eccezzjoni dwar in-nullita` tal-avviz minhabba li l-isem tnizzel hazin giet sorvolata in vista tad-digriet tal-20 ta' Novembru, 2003.**

**2. Dwar l-eccezzjoni li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` peress li ghaddew sentejn, jigi rilevat illi l-incident de quo sehh fis-16 ta' Marzu, 2001, filwaqt illi din il-kawza giet intavolata fl-14 ta' Marzu, 2003, u konsegwentement entro t-terminu. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata qed tigi michuda.**

**3. Il-konvenuta ssottomettiet li fiz-zmien tal-incident imsemmi hija kienet assigurata mas-socjeta` assiguratrici Micallef Insurance Agency Ltd. u ghaldaqstant talbet li l-istess socjeta` tigi kjamata fil-kawza a spejjez tal-atturi. It-Tribunal qies li fic-cirkostanzi ma kienx hemm in-necessita` li din tigi kjamata in kawza, salv u mpregudikat kull dritt tal-konvenuta fil-konfront tal-imsemmija assikurazzjoni f'kaz ta' ezitu negattiv ghaliha.**

**4. Dwar ir-responsabilita` ghall-incident, jirrizulta illi l-incident sehh fis-16 ta' Marzu, 2001, waqt li il-konvenuta kienet qed tregga' lura mill-parkegg minn "no through road" ghal go Triq il-Watar. Dak iz-zmien, kif ukoll illum dan il-post jintuza ghall-parkegg. Hi u qed tregga' lura bil-vettura JAE-098 ghadda Riccardo Schembri bil-vettura GAB-909, iben l-assikurat attur, u dahhlet fih.**

**5. Fil-fehma tat-Tribunal dan l-incident gara tort kompletament tal-konvenuta, aktar u aktar in vista tal-fatt li hi haditlu l-mera, cioe` laqtitu waqt li kien ghaddej, u konsegwentement ma kienetx attenta bizzejjed ghall-vetturi li ghaddejjin.**

**6. Il-kontestazzjoni principali f'dan il-kaz tirrigwarda id-danni, peress illi l-konvenuta qed tghid illi l-attur qed jipprova japprofitta ruhu mill-incident li sehh, u dana peress illi l-konvenuta tallega li l-attur gja kellu danni ohra fil-vettura tieghu.**

**7. Rilevanti li s-Surgent PS 524 Paul Cassar li mar fuq il-post wara l-incident u ra l-vetturi, irrapporta fl-okkorrenza Dok.PC1, li l-vettura tal-konvenuta ma kelliex danni, filwaqt li l-vettura tal-attur kellha hsarat**

**deskritti bhala *"slight"*, u gie rilevat li kien hemm hsarat fil-bieba ta' quddiem tax-xellug. Skond is-Surgent kien fit-28 ta' Marzu li l-attur mar irrapporta danni ohra li kienu jirrigwardaw il-mera tax-xellug u l-bieba ta' wara tax-xellug. Dwar dawn il-hsarat tal-ahhar is-Surgent xehed hekk: "Dawn il-hsarat dakinhar tar-rapport ma rajthomx. Li kieku kien hemm dik il-hsara jiena kont innizzilha fir-rapport." It-Tribunal qed jaghti hafna piz lix-xhieda tas-Surgent.**

**8. L-assigurat Francesco Schembri jghid li qabel l-incident l-vettura ma kelliex hsarat. Pero` dan jikkontrasta ferm ma dak li xehed ibnu Riccardo li qal li qabel l-incident l-vettura kellha tghafis fuq in-naha tas-sewwieq. Apparti minn dan l-istess Riccardo Schembri jammetti li dakinhar tal-incident ma ndunax li l-mera kienet maqsuma.**

**9. Dwar il-hsara fil-mera, il-konvenuta qalet li mal-habta kull ma semghet kien il-"click" tal-mera. Hi tammetti li laqtet il-mera, u li din inqalghet pero` tghid li ma nkisritx. Il-konvenuta ma taqbilx li l-hsara fil-bieba saret minnha, wisq inqas il-hsara fil-bumper u l-bieba ta' wara.**

**10. Dwar il-bumper, l-istess surveyor tas-socjeta` attrici Anthony Mizzi, ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma li l-brix fil-bumper ta' wara kien dovut ghall-kollizzjoni, tant li rrileva li kien hemm partijiet fejn kien hemm s-sadid.**

**11. Hemm zewg punti ohra li t-Tribunal ihoss li huma ta' importanza fir-resoluzzjoni ta' din il-vertenza. Fl-ewwel lok il-claim mal-assigurazzjoni saret fis-27 ta' Marzu, 2001, u cioe` ghaxar t'ijiem wara l-incident. Anke dwar il-hsara li l-attur irrapporta li skopra wara, ma setghax jikkonferma li fil-fatt marru l-ghada jirrappurtaw l-ghassa. Mill-okkorrenza jirrizulta li dawn marru l-Ghassa fit-28 ta' Marzu, 2001, biex jirrapportaw il-hsarat godda li raw. Fit-tieni lok, it-Tribunal qed iqies il-fatt li l-vettura tal-attur kienet inxtrat "second hand" fl-1995.**

**12. Ghalhekk mill-kumpless tal-provi, u specjalment minn dak li xehed is-Surgent, jirrizulta li l-vettura tal-attur bhala konsegwenza tal-incident garrbet hsarat biss fil-bieba ta' quddiem tax-xellug u xi ftit fil-mera.**

**Ma jirrizultax li kien hemm il-htiega li l-mera tinbidel, tant li dam ma nduna bil-hsara fiha sa ghaxart ijiem wara. Dwar il-hsara fil-bieba ta' wara u fil-bumper ma jirrizultax li dawn graw b'konsegwenza ta' din il-kollizzjoni.**

**13. Meta wiehed jezamina l-iricevuti esebiti jirrizultaw s-segwenti danni li fil-fehma tat-Tribunal hu intitolat ghalihom l-attur:**

**Survey (Dok.X2): Lm9.20**
**Bieba ta' quddiem tax-xellug (Dok.X2): Lm97.16**
**Door moulding (Dok.X2): LM5.53**
**Door moulding (Dok.X3): Lm22.31**
**Dawn igibu l-ammont ta' mija u erbgha u tletin lira u ghoxrin centezmu (Lm134.20).**

**Inoltre ghall-ispray it-Tribunal qed jiffissa s-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75.00) piu` hdax-il lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm11.25) VAT, li jgibu l-ammont ta' sitta u tmenin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25).**

**Apparti minn dawn qed jalloka tmienja u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75) ghall-kiri ta' vettura, u hames liri (Lm5) rust proofing.**

**Ghalhekk id-danni li t-Tribunal qed jakkoliji li ghandhom jinghataw lill-attur jammontaw ghall mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm254.20). Qed jigi tenut kont li l-attur hallas mija u hamsin lira *excess*.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt qed jichad l-eccezzjoni sollevata illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jilqa' t-talba attrici fis-sens illi l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm254.20), u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm104.20), u lill-attur assikurat Francesco Schembri**

**s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00). Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------